2024/3085

9.12.2024

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3085

## tat-30 ta' Settembru 2024

## li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/934 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-prattiki enoloġiċi awtorizzati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 75(2) u l-Artikolu 80(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 ([2]) jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 rigward iż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV).

(2) Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tistabbilixxi l-lista tal-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dwieli li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif imsemmi fl-Artikolu 80(1) ta' dak ir-Regolament. It-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tistabbilixxi l-proċessi enoloġiċi awtorizzati u l-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu tagħhom. It-Tabella 2 ta' dik il-Parti tistabbilixxi l-komposti enoloġiċi awtorizzati u l-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu tagħhom. It-Tabelli 1 u 2 jenħtieġ li jiġu emendati biex jieħdu kont tal-progress tekniku, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżoluzzjonijiet li ġew adottati mill-OIV fl-2022 u fl-2023. Barra minn hekk, xi informazzjoni pprovduta fit-Tabelli 1 u 2 jenħtieġ li tiġi kkjarifikata aktar.

(3) L-entrata f'linja 2 tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-użu tat-trattamenti bis-sħana. Ġie indikat li t-terminu "trattamenti bis-sħana" fil-kolonna 1 ta' dik l-entrata f'linja mhuwiex ċar peress li jista' jkopri bosta trattamenti differenti. Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza, huwa xieraq li tiddaħħal nota f'qiegħ il-paġna taħt it-Tabella 1 biex jiġu elenkati l-kategoriji wiesgħa ta' trattamenti bis-sħana msemmija fil-fajls tal-OIV li ssemmew fil-kolonna 2 tal-entrata f'linja 2. L-istess kwistjoni tqajmet fir-rigward tat-trattamenti bil-kesħa msemmija fil-kolonna 1 tal-entrata f'linja 2a f'dik it-Tabella 1. B'mod simili għat-trattamenti bis-sħana, huwa xieraq li tiddaħħal nota f'qiegħ il-paġna taħt it-Tabella 1 biex jiġu speċifikati l-kategoriji wiesgħa ta' trattamenti bil-kesħa koperti mill-fajls tal-OIV imsemmija fil-kolonna 2 tal-entrata f'linja 2a.

(4) Ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 708-2022 emendat il-preskrizzjonijiet tal-fajl 2.1.14 tal-OIV rigward il-flotazzjoni billi ħassret ir-referenza għad-diossidu tal-karbonju u żiedet ir-referenza għall-argon. Għalhekk, il-kolonna 2 tal-entrata f'linja 8 tat-Tabella 1 u l-kolonna 3 tal-entrati f'linja 8.1, 8.2 u 8.3 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda ż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dwieli, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-OIV (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/934/oj).

(5) L-implimentazzjoni ta' ċerti prattiki enoloġiċi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 għandha tiġi ssorveljata minn enologu jew minn tekniku kwalifikat jew speċjalizzat minħabba r-rwol importanti tagħhom fl-iżgurar tas-sikurezza tal-operaturi, u tas-sikurezza u l-kwalità tal-ikel. Dan jikkonċerna l-prattiki msemmija fit-Tabella 1, l-entrati f'linja 6, 10, 12 sa 18, u 20, u fit-Tabella 2, l-entrati f'linja 6.5, 6.6, 6.9 u 6.12. Għal xi whud minn dawk il-prattiki, is-superviżjoni hija prevista b'mod espliċitu f'dak ir-Regolament Delegat permezz tal-Appendiċijiet rilevanti tal-Anness I, il-Parti A. Għal prattiki oħra, tinħtieġ superviżjoni permezz tal-fajls rilevanti tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV u għalhekk ma jidhrux b'mod espliċitu f'dak ir-Regolament Delegat. Madankollu, ikun xieraq li dan ir-rekwiżit isir aktar trasparenti. Għalhekk, l-entrati f'linja 13, 14, 15, 17, 18 u 20 tat-Tabella 1, u l-entrata f'linja 6.12 tat-Tabella 2, jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(6) Fl-2014, permezz tar-Riżoluzzjoni OIV-OENO 504-2014, l-OIV ippermettiet it-trattament tal-inbejjed bl-użu tat-teknoloġija tal-membrana abbinata mal-karbonju attivat biex jitnaqqas l-eċċess tal-4-etilfenol u l-4-etilgwajakolu. Dak it-trattament huwa rregolat fl-entrata f'linja 18 tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u fl-Appendiċi 10 ta' dak l-Anness. Fl-2023, ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 657-2023 wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak it-trattament billi ppermettiet l-użu ta' żibeġ adsorbenti tal-istiren-divinilbenżen minbarra l-karbonju attivat u billi kopriet il-fenoli volatili kollha. Dawn il-modifiki jgħinu lill-produtturi tal-inbid tal-Unjoni jkomplu jikkoreġu d-difetti organolettiċi tal-inbid tagħhom. Għalhekk, huwa xieraq li dawn jiġu introdotti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prattiki enoloġiċi. Għalhekk, l-entrata f'linja 18 tat-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Barra minn hekk, l-Appendiċi 10 għal dik il-Parti jenħtieġ li jitħassar peress li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu sar aktar limitat mill-entrata f'linja 18 emendata tat-Tabella 1. Madankollu, ir-rekwiżit biex il-membrani jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali li huwa stabbilit f'dak l-Appendiċi jenħtieġ li jinżamm u jiġi ttrasferit għall-kolonna 2 tal-entrata f'linja 18 tat-Tabella 1.

(7) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jipprovdi li l-ispeċifikazzjonijiet tal-purezza u l-identifikazzjoni tas-sustanzi użati fil-prattiki enoloġiċi huma dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ([3]). Meta ma jkunux stabbiliti f'dak ir-Regolament, japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV, kif imsemmi fil-kolonna 4 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Il-kolonna 4 tat-Tabella 2 attwalment issemmi l-fajls rilevanti tal-Kodiċi tal-OIV għas-sustanzi kollha elenkati f'dik it-Tabella, inklużi dawk koperti mir-Regolament (UE) Nru 231/2012, u b'hekk hemm il-possibbiltà li tinħoloq konfużjoni. Għalhekk, biex tittejjeb iċ-ċarezza, huwa xieraq li l-fajl tal-Kodiċi tal-OIV jitħassar mill-kolonna 4 tat-Tabella 2 għas-sustanzi li l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom għandhom jikkonformaw ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 231/2012. Dan jirrigwarda l-entrati f'linja 1.1 sa 1.6, 1.10, 2.1 sa 2.7, 4.1, 4.3, 5.10, 5.16, 5.17, 5.18, 6.1, 6.3, 6.5, 6.7, 6.8, 6.11, 6.13, 8.1 sa 8.4 u 11.3.

(8) F'konformità mal-kolonna 7 tal-entrata f'linja 2.6 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, l-aċidu askorbiku jista' jintuża f'doża massima ta' 250 mg/l għal kull trattament u l-kontenut massimu tiegħu fl-inbid għalhekk ittrattat u mqiegħed fis-suq għandu jkun ta' 250 mg/l. Dik id-doża massima tikkorrispondi għad-doża massima rakkomandata fil-fajls 1.11, 2.2.7 u 3.4.7 tal-OIV imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik l-entrata f'linja 2.6. Madankollu, il-kontenut massimu f'aċidu askorbiku msemmi fil-kolonna 7 ta' dik l-entrata f'linja huwa differenti minn dak rakkomandat fil-fajl 3.4.7 tal-OIV, li huwa ta' 300 mg/l. Minħabba li l-aċidu askorbiku jista' jkun preżenti b'mod naturali fl-inbid jew ikun ir-riżultat ta' reazzjonijiet kimiċi, trattament bih b'doża ta' 250 mg/l jista' jwassal għall-preżenza ta' sa 300 mg/l fl-inbid imqiegħed fis-suq. Għalhekk huwa xieraq li jiġi previst kontenut massimu ta' aċidu askorbiku fl-inbid ta' 300 mg/l, kif preskritt mill-OIV. Il-kundizzjonijiet tal-użu li huma speċifikati fil-kolonna 7 tal-entrata f'linja 2.6 tat-Tabella 2 għalhekk jenħtieġ li jitħassru, sabiex japplikaw il-preskrizzjonijiet tal-fajls 1.11, 2.2.7 u 3.4.7 tal-OIV.

(9) Ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 684 A-2022 emendat il-preskrizzjonijiet tal-fajl 3.4.20 tal-OIV rigward l-użu ta' fibri tal-pjanti selettivi fl-inbid. Ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 684B-2022 estendiet l-użu tagħhom għall-most. Għalhekk, l-entrata f'linja 3.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/231/oj).

(10) Il-kolonna 7 tal-entrata f'linja 4.1 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tipprovdi li l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċelluloża mikrokristallina għandhom jikkonformaw ma' dawk stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012. Dawn il-kundizzjonijiet tal-użu huma żejda b'rabta mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Huwa għalhekk xieraq li jitħassru.

(11) L-idroġenufosfat tad-diammonju għandu n-numru INS 342 fis-Sistema ta' Numri Internazzjonali għall-Addittivi tal-Ikel. Huwa ma għandux numru E korrispondenti fil-leġiżlazzjoni tal-UE peress li qatt ma ġie awtorizzat bħala addittiv tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). In-numru E 342 ġie inkluż bi żball fil-kolonna 2 tal-entrata f'linja 4.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Huwa għalhekk xieraq li jitħassar.

(12) Ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 633-2019 żiedet l-hekk imsejħa ċelluloża għall-użu alimentari mal-lista ta' attivaturi tal-fermentazzjoni msemmija fil-fajl 2.3.2 tal-OIV. Bl-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet għat-trab taċ-ċelluloża (E 460(ii)), ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 681-2022 ikkjarifikat li t-trab taċ-ċelluloża u ċ-ċelluloża għall-użu alimentari huma sustanza waħda u l-istess. Minħabba din il-kjarifika, huwa xieraq li din is-sustanza tiżdied mat-Taqsima dwar l-attivaturi għall-fermentazzjoni alkoħolika u malolattika fit-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(13) Ir-Riżoluzzjonijiet OIV-OENO 675 A-2022, OIV-OENO 675B-2022, OIV-OENO 675C-2022 u OIV-OENO 675D-2022 adottaw monografiji speċifiċi għas-subklassijiet ta' tannini enoloġiċi, jiġifieri proċjanidini/prodelfinidini, ellagitannini, gallotannini u profisetinidini/prorobitenidini rispettivament. Peress li dawn il-monografiji huma rilevanti għat-tannini msemmija fl-entrati f'linja 5.12 u 6.4 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, huwa xieraq li jiġu inklużi fil-kolonna 4 ta' dawk l-entrati f'linja. Madankollu, it-Taqsima 1 ta' dawk il-monografiji attwalment qed tiġi riveduta fl-OIV. Sakemm tiġi konkluża dik ir-reviżjoni, huwa xieraq li t-Taqsima 2 biss ta' dawk il-monografiji ssir applikabbli fl-Unjoni. Għalhekk, il-kolonna 7 tal-entrati f'linja 5.12 u 6.4 tat-Tabella 2 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(14) Ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 689-2022 emendat il-preskrizzjonijiet tal-fajl 3.3.6 tal-OIV rigward it-trattament bil-gomma arabika. L-entrata f'linja 6.8 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(15) Il-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu msemmija fil-kolonna 7 tal-entrati f'linja 7.2 sa 7.12 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 huma usa' mill-preskrizzjonijiet tal-fajls tal-OIV rispettivi indikati fil-kolonna 3 ta' dawk l-entrati f'linja. Madankollu, mhuwiex ġustifikat, minn perspettiva teknika, li jiġu permessi kundizzjonijiet tal-użu ta' enzimi usa' fl-Unjoni milli fl-OIV. Għalhekk, il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu msemmija fil-kolonna 7 tal-entrati f'linja 7.2 sa 7.12 jenħtieġ li jitħassru sabiex japplikaw il-preskrizzjonijiet tal-OIV.

(16) L-entrata f'linja 7.5 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tipprovdi li l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jiġu applikati għall-emiċellulaži huma dawk imsemmija fil-fajl COEI-1-ACTGHE tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV. Madankollu, ir-Riżoluzzjoni OIV-OENO 682-2021 neħħiet il-monografija COEI-1-ACTGHE mill-Kodiċi tal-OIV. Għalhekk, ir-referenza tagħha fil-kolonna 4 tal-entrata f'linja 7.5 tat-Tabella 2 jenħtieġ li titħassar. L-unika enzima b'attività ta' emiċellulaži li hija attwalment awtorizzata fl-OIV hija l-ksilanaži. Huwa għalhekk xieraq li l-entrata f'linja 7.5 tat-Tabella 2 tiġi adattata billi jiġu introdotti r-referenzi korretti għall-ksilanaži, jiġifieri l-isem, in-numru EC u l-fajl rilevanti tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV. Fl-istess ħin, huwa xieraq li fil-kolonna 1 tat-Tabella 2 jiġi kkjarifikat li l-ksilanaži hija emiċellulaži sabiex issir ir-rabta mal-fajls tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV li jirreferu biss għat-terminu ġenerali "emiċellulaži".

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj).

(17) L-ispeċifikazzjonijiet tal-beta-glukanaži identifikati bin-numru EC 3.2.1.58 huma stabbiliti fil-fajls COEI-1-BGLUCA, COEI-1-PRENZY u COEI-1-ACTGLU tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tal-OIV. Il-fajl COEI-1-ACTGLU huwa nieqes, u għalhekk jenħtieġ li jiżdied, fil-kolonna 4 tal-entrata f'linja 7.7 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934. Barra minn hekk, il-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV jippermetti li l-beta-glukanaži tintuża kemm fuq il-most kif ukoll fuq l-inbejjed għall-kjarifika, il-filtrazzjoni u s-solubilizzazzjoni tal-komposti tal-ħmira. Madankollu, il-kolonna 3 tal-entrata f'linja 7.7 tat-Tabella 2 tirreferi biss għall-fajl 3.2.10 tal-OIV li għandu biss l-għan li jtejjeb is-solubilizzazzjoni tal-komposti tal-ħmira fl-inbid. Sabiex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi allinjata mar-rakkomandazzjonijiet tal-OIV għall-beta-glukanaži, huwa xieraq li jiżdiedu l-fajls 2.1.4, 2.1.18, 3.2.8, 3.2.11 u 3.5.7 tal-OIV fil-kolonna 3 tal-entrata f'linja 7.7. Il-kolonna 8 ta' dik l-entrata f'linja wkoll jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(18) F'Mejju 2022, l-OIV introduċiet modifiki editorjali għall-fajl COEI-1-ACTGLU tal-Kodiċi Enoloġiku Internazzjonali tagħha. B'mod partikolari, hija ħassret ir-referenza għall-glikosidaži (EC 3.2.1.20) li hija glikosidaži speċifika li ma tintużax fil-produzzjoni tal-inbid. Għalhekk, l-entrata f'linja 7.8 jenħtieġ li titħassar mit-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

(19) Il-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV jippermetti li l-beta-glukanaži (β1-3, β1-6) tintuża kemm fuq il-most kif ukoll fuq l-inbejjed għall-kjarifika, il-filtrazzjoni u s-solubilizzazzjoni tal-komposti tal-ħmira. Madankollu, il-kolonna 3 tal-entrata f'linja 7.10 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tirreferi biss għall-fajl 3.5.7 tal-OIV li għandu biss l-għan li jtejjeb il-kjarifika u l-filtrabbiltà tal-inbid. Sabiex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi allinjata mar-rakkomandazzjonijiet tal-OIV għall-beta-glukanaži (β1-3, β1-6), huwa xieraq li jiżdiedu l-fajls 2.1.4, 2.1.18, 3.2.8, 3.2.10 u 3.2.11 tal-OIV fil-kolonna 3 tal-entrata f'linja 7.10. Il-kolonna 8 ta' dik l-entrata f'linja wkoll jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(20) L-entrata f'linja 11.3 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 tawtorizza l-użu tal-addittivi E 150a, E 150b, E 150c u E 150d fil-produzzjoni tal-inbejjed likuri. Dawk l-addittivi huma identifikati bl-isem komuni "karamella" fil-kolonna 1 ta' dik l-entrata f'linja. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jipprovdi kull verżjoni ta' E 150 b'denominazzjoni individwali. E 150a huwa denominat bħala karamella naturali, E 150b bħala karamella tas-sulfit kawstiku, E 150c bħala karamella tal-ammonja u E 150d bħala karamella tal-ammonja tas-sulfit. Sabiex ir-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jiġi allinjat mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, huwa xieraq li jiġu stabbiliti erba' entrati f'linja separati għall-addittivi E 150a, E 150b, E 150c u E 150d u li jiġu denominati bħal fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(21) It-tieni inċiż tal-punt (c) tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jelenka għadd ta' nbejjed bojod minn Franza intitolati għal denominazzjoni ta' oriġini protetta li għalihom il-kontenut massimu tad-diossidu tal-kubrit jista' jitla' għal 300 mg/l. L-inbejjed mid-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Corrèze" intitolati li jkollhom it-terminu tradizzjonali "Vin de paille" għandhom kontenut għoli ta' zokkor residwu, li jirrikjedi l-użu ta' diossidu tal-kubrit sa 300 mg/l biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li dak l-inċiż jiġi emendat kif xieraq.

(22) F'konformità mal-punt 3(a) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif emendat bir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), l-inbejjed likuri ta' tqaddim fit-tul jista' eċċezzjonalment ikollhom qawwa alkoħolika attwali ta' mhux inqas minn 14 % skont il-volum minflok ta' mhux inqas mill-volum ta' 15 %. F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi l-lista ta' nbejjed likuri li jibbenefikaw minn dik id-deroga. Spanja talbet iż-żieda ta' bosta nbejjed likuri Spanjoli f'dik il-lista. Il-Kummissjoni vvalutat dik it-talba u kkonkludiet li għalhekk huwa xieraq li jiddaħħal punt ġdid fit-Taqsima B tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u li tiżdied Taqsima ġdida fl-Appendiċi 1 għal dak l-Anness biex tiġi indirizzata dik it-talba.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2117/oj).

(23) Biex jitqiegħdu fis-suq, l-inbejjed likuri għandu jkollhom, fost oħrajn, qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas mill-volum ta' 17.5 %, sakemm ma jkunux jibbenefikaw mid-deroga msemmija fil-Parti II, il-punt (3)(b), tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u fit-Taqsima B, il-punt 5(b), tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u fit-Taqsima B tal-Appendiċi 2 għal dak l-Anness III. Din id-deroga hija attwalment possibbli biss fejn il-liġijiet nazzjonali applikabbli għaliha qabel l-1 ta' Jannar 1985 ipprovdew dan espressament. Madankollu, il-metodi ta' produzzjoni tal-inbejjed likuri evolvew matul iż-żmien u mill-1985 'l hawn ġew irreġistrati denominazzjonijiet ta' oriġini protetti ġodda li potenzjalment setgħu jibbenefikaw minn dik id-deroga. Konsegwentement, dik ir-restrizzjoni temporali ma għadhiex tidher iġġustifikata. Għalhekk huwa xieraq li titħassar ir-referenza għall-1 ta' Jannar 1985 fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness III ta' dak ir-Regolament Delegat.

(24) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/217 ([6]) u (UE) 2023/2887 ([7]) approvaw modifiki għat-termini tradizzjonali "vino generoso" u "vino generoso de licor" rispettivament. Għalhekk, il-punti 8 u 10 tat-Taqsima B tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 ma għadhomx validi u għalhekk jenħtieġ li jitħassru. Barra minn hekk, il-punt 9 tat-Taqsima B ta' dak l-Anness jirrepeti l-istess dispożizzjonijiet bħal fis-sommarju tad-definizzjoni/il-kundizzjoni tal-użu tat-terminu tradizzjonali "vinho generoso" fir-reġistru tal-Unjoni tat-termini tradizzjonali "e-Ambrosia". Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa xieraq li dak il-punt jitħassar.

(25) Il-Parti II, il-punt (3), tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tfassal listi ta' nbejjed likuri b'denominazzjoni ta' oriġini jew b'indikazzjoni ġeografika li jistgħu jibbenefikaw mid-derogi previsti f'dak il-punt. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandhiex is-setgħa li tkompli tiddeskrivi l-prodotti li jibbenefikaw minn dawk id-derogi. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li minflok tkun parti mill-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjonijiet ta' oriġini jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi. Fuq dik il-bażi, Spanja mmodifikat l-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rilevanti biex tikkjarifika liema prodotti jistgħu jibbenefikaw mid-derogi msemmija fit-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934, fil-punti 4, 5 u 6 tat-Taqsima B ta' dak l-Appendiċi u fit-Taqsima B tal-Appendiċi 2 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament Delegat. Konsegwentement, il-kolonna tal-lemin tat-tabelli taħt "SPANJA" f'dawk l-Appendiċijiet ma għadhiex valida u jenħtieġ li titħassar. Barra minn hekk, it-tabelli nfushom ma għadx għandhom skop. Huma jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'listi ta' nbejjed b'denominazzjonijiet ta' oriġini protetti.

(26) Spanja infurmat lill-Kummissjoni li l-produtturi tal-inbejjed li għandhom id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Lebrija" talbu l-possibbiltà li jipproduċu l-inbejjed tagħhom bl-użu tad-deroga prevista fil-Parti II, il-punt (3)(f)(ii), tal-Anness VII għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u fit-Taqsima B, il-punt 2, tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u fit-Taqsima B, il-punt 1, tal-Appendiċi 1 ta' dak l-Anness III. Il-Kummissjoni vvalutat dik it-talba u kkonkludiet li kien xieraq li l-isem "Lebrija" jiżdied mal-lista ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti minn Spanja fil-punt 1 tat-Taqsima B ta' dak l-Appendiċi.

(27) Barra minn hekk, minħabba l-proċess tal-produzzjoni, l-inbejjed likuri "Lebrija" għandhom kontenut baxx ħafna ta' zokkor riduċenti u bilkemm jistgħu jilħqu l-volum minimu ta' 17.5 % tal-qawwa alkoħolika totali meħtieġa għall-inbejjed likuri. Biex jitqiegħdu fis-suq, ikun jeħtieġ li dawn l-inbejjed jibbenefikaw mid-deroga msemmija fil-Parti II, il-punt (3)(b), tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u fit-Taqsima B, il-punt 5(b), tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u fit-Taqsima B tal-Appendiċi 2 ta' dak l-Anness III. Għalhekk huwa xieraq li jiżdied l-isem "Lebrija" taħt "SPANJA" fit-Taqsima B tal-Appendiċi 2 għall-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/217 tal-11 ta' Jannar 2024 li japprova modifika ta' terminu tradizzjonali fis-settur tal-inbid f'konformità mal-Artikolu 115(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – "Vino generoso" (ĠU L, 2024/217, 12.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/217/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2887 tal-20 ta' Diċembru 2023 li japprova modifika ta' terminu tradizzjonali fis-settur tal-inbid f'konformità mal-Artikolu 115(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – "Vino generoso de licor" (ĠU L, 2023/2887, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2887/oj).

(28) L-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Porto – Port" tipprovdi li l-inbid likur deskritt bħala "branco leve seco" jista' jibbenefika mid-deroga prevista fil-Parti II, il-punt (3)(b), tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u fit-Taqsima B, il-punt 5(b) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 u fit-Taqsima B tal-Appendiċi 2 ta' dak l-Anness III. Għalhekk, ir-referenza għal "branco leve seco" fit-tabella taħt "IL-PORTUGALL" f'dik it-Taqsima hija ripetizzjoni tal-istess dispożizzjoni fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Biex tiġi evitata din ir-ripetizzjonin, huwa xieraq li dik it-tabella titħassar u tiġi sostitwita bl-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Porto – Port".

(29) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2019/934 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/934**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/934 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Arranġamenti tranżizzjonali**

Il-prodotti tad-dwieli li ġew prodotti qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-regoli fis-seħħ qabel dik id-data jistgħu jiġu rilaxxati għall-konsum mill-bniedem sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/934 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) It-Tabelli 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

*"Tabella 1*

**Proċessi enoloġiċi awtorizzati kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)**

| | 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|---|
| | Proċessi enoloġiċi | Kundizzjonijiet u limiti tal-użu [1] | Kategoriji ta' prodotti tal-inbid [2] |
| 1 | Arjazzjoni jew ossiġenazzjoni | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 2.1.1 (2016) u 3.5.5 (2016) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 2 | Trattamenti bis-sħana [3] | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 1.8 (1970), 2.2.4 (1988), 2.3.6 (1988), 2.3.9 (2005), 3.4.3 (1988), 3.4.3.1 (1990), 3.5.4 (1997) u 3.5.10 (1982) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | Għeneb frisk, (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 2a | Trattamenti bil-kesħa [4] | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(c) tat-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fil-fajls 1.14 (2005), 1.15 (2005), 2.1.12.4 (1998), 2.3.6 (1988), 3.1.2 (1979), 3.1.2.1 (1979), 3.3.4 (2004) u 3.5.11.1 (2001) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | Għeneb frisk, (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 3 | Ċentrifugazzjoni u filtrazzjoni b'aġent filtranti inert jew mingħajru | L-aġenti filtranti inerti huma dawk imsemmija fil-fajls 2.1.11 (1970), 2.1.11.1 (1990), 3.2.2 (1989) u 3.2.2.1 (1990) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. L-użu tagħhom ma għandux iħalli residwi mhux mixtieqa fil-prodott trattat. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 4 | Ħolqien ta' atmosfera inerta | Unikament bl-iskop li l-prodott jiġi mmanipulat filwaqt li jibqa' protett mill-arja. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 5 | It-tneħħija tad-diossidu tal-kubrit permezz ta' proċessi fiżiċi | | Għeneb frisk, (2), (10), (11), (12), (13) u (14) |
| 6 | Rażi ta' skambju tal-jonji | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | Most tal-għeneb maħsub għall-manifattura tal-most tal-għeneb ikkonċentrat rettifikat |

| | 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|---|
| | Proċessi enoloġiċi | Kundizzjonijiet u limiti tal-użu ([1]) | Kategoriji ta' prodotti tal-inbid ([2]) |
| 7 | Gassifikazzjoni | Unikament għal meta jintuża l-argon jew in-nitroġenu. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 8 | Flotazzjoni | Meta jintuża n-nitroġenu jew l-argon jew billi tingħata l-arjazzjoni. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 2.1.14 (2022). | (10), (11) u (12) |
| 9 | Diski tal-paraffina pura impregnati bl-isotijoċjanat tal-allil | Unikament bl-iskop li tinħoloq atmosfera sterilizzata. Fl-Italja huwa permess biss sakemm ikun konformi mal-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż, u f'kontenituri li jesgħu aktar minn 20 litru biss. L-użu tal-isotijoċjanat tal-allil huwa soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti mogħtija fit-Tabella 2 dwar il-komposti enoloġiċi awtorizzati. | Most parzjalment iffermentat għall-konsum dirett mill-bniedem tale quale, (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16) |
| 10 | Trattament bl-elettrodijaliżi | Unikament bl-iskop li tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika tal-inbid. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 5 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | Most parzjalment iffermentat għall-konsum dirett mill-bniedem tale quale, (1), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16) |
| 11 | Biċċiet tal-injam tal-ballut | Fil-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbid, inkluż fil-fermentazzjoni tal-għeneb frisk u tal-most tal-għeneb. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 12 | Il-korrezzjoni tal-kontenut ta' alkoħol fl-inbejjed | Korrezzjoni mwettqa biss għall-inbid. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 8 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16) |
| 13 | Skambjaturi tal-katjoni għall-istabilizzazzjoni tartarika | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 3.3.3 (2011) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV, inkluż it-twettiq tat-trattament taħt ir-responsabbiltà ta' enologu jew tekniku kwalifikat. Dan għandu jikkonforma wkoll mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5])u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | Most parzjalment iffermentat għall-konsum dirett mill-bniedem tale quale, (1), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16) |
| 14 | Trattament elettromembranarju | Unikament għall-aċidifikazzjoni jew id-deaċidifikazzjoni. Soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fit-Taqsimiet C u D tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. Dan irid jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 ([6])u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 2.1.3.1.3 (2010), 2.1.3.2.4 (2012), 3.1.1.4 (2010), 3.1.2.4 (2012) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV, inkluż it-twettiq tat-trattament taħt ir-responsabbiltà ta' enologu jew tekniku kwalifikat. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |

| | 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|---|
| | Proċessi enoloġiċi | Kundizzjonijiet u limiti tal-użu ([1]) | Kategoriji ta' prodotti tal-inbid ([2]) |
| | | It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | |
| 15 | Skambjaturi tal-katjoni għall-aċidifikazzjoni | Soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fit-Taqsimiet C u D tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. Dan irid jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 2.1.3.1.4 (2012) u 3.1.1.5 (2012) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV, inkluż it-twettiq tat-trattament taħt ir-responsabbiltà ta' enologu jew tekniku kwalifikat. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |
| 16 | Abbinament tal-membrani | Unikament għat-tnaqqis tal-kontenut taz-zokkor fil-most. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 9 ta' dan l-Anness. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (10) |
| 17 | Kuntatturi tal-membrana | Unikament bl-iskop li jiġi mmaniġġjat il-gass maħlul fl-inbid. Iż-żieda tad-diossidu tal-karbonju għall-prodotti ddefiniti fil-punti (4), (5), (6) u (8) tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 hija pprojbita. Dan għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mar-Regolament (UE) Nru 10/2011 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 3.5.17 (2013) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV, inkluż it-twettiq tat-trattament taħt ir-responsabbiltà ta' enologu jew tekniku kwalifikat. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (1), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16) |
| 18 | Trattament tal-inbid bl-użu ta' teknoloġija tal-membrana flimkien ma' adsorbiment fuq karbonju attivat jew żibeġ adsorbenti tal-istiren-divinilbenżen | Unikament bl-iskop li jitnaqqsu l-fenoli volatili fl-inbejjed. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 3.5.18 (2023) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV, inkluż it-twettiq tat-trattament taħt ir-responsabbiltà ta' enologu jew tekniku kwalifikat. It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Il-membrani li jintużaw iridu jkunu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolamenti (KE) Nru 1935/2004 u (UE) Nru 10/2011 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tagħhom. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16) |

| | 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|---|
| | Proċessi enoloġiċi | Kundizzjonijiet u limiti tal-użu ([1]) | Kategoriji ta' prodotti tal-inbid ([2]) |
| 19 | Folji filtranti li fihom iż-żeolit y-faujasit | Unikament bl-iskop tal-adsorbiment tal-aloanisoli. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 3.2.15 (2016) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (15) u (16) |
| 20 | Konċentrazzjoni parzjali | Għall-most tal-għeneb: soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(b) tat-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fil-fajls 2.1.12 (1998), 2.1.12.1 (1993), 2.1.12.2 (2001), 2.1.12.3 (1998) u 2.1.12.4 (1998) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. Il-fajl 2.1.12.1 (1993) jinkludi l-obbligu li tiġi implimentata osmożi inversa taħt ir-responsabbiltà ta' enologu jew tekniku kkwalifikat.<br>Għall-inbid: soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(c) tat-Taqsima B tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fil-fajls 3.5.11 (2001) u 3.5.11.1 (2001) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV.<br>It-trattament għandu jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (15) u (16) |
| 21 | Trattament bi proċessi ta' pressjoni għolja mhux kontinwa | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 1.18 (2019) u 2.1.26 (2019) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | Għeneb frisk, (10), (11) u (12) |
| 22 | Trattament bi proċessi ta' pressjoni għolja kontinwa | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 2.2.10 (2020) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | (10), (11) u (12) |
| 23 | Trattament ta' għeneb mgħaffeġ b'ultrasound għall-promozzjoni tal-estrazzjoni tal-komposti tiegħu | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 1.17 (2019) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | Għeneb frisk |
| 24 | Trattament tal-għeneb permezz ta' kampi elettriċi bl-impulsi | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajl 2.1.27 (2020) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | Għeneb frisk |
| 25 | Trattament tal-most u tal-inbejjed bl-użu ta' żibeġ adsorbenti tal-istiren-divinilbenżen | Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-fajls 2.2.11 (2020) u 3.4.22 (2020) tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV. | (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (15) u (16) |

([1]) Is-sena fil-parentesi li ssegwi r-referenzi għall-fajl tal-Kodiċi tal-Prattiki Enoloġiċi tal-OIV, tindika l-verżjoni tal-fajl awtorizzat mill-Unjoni bħala prattiki enoloġiċi awtorizzati, soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu stabbiliti f'din it-tabella.

([2]) Jekk mhux applikabbli għall-kategoriji kollha ta' prodotti tal-inbid stabbiliti fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

([3]) It-trattamenti bis-sħana jinkludu l-maċerazzjoni wara t-tisħin tal-għeneb, il-pasturizzazzjoni, l-interruzzjoni tal-fermentazzjoni bis-sħana, il-maċerazzjoni wara l-fermentazzjoni sħuna, l-ibbottiljar sħun.

([4]) It-trattamenti bil-kesħa jinkludu maċerazzjoni prefermentattiva bil-kesħa, krijokonċentrazzjoni, interruzzjoni tal-fermentazzjoni bil-kesħa, id-deaċidifikazzjoni bil-kesħa, l-istabbilizzazzjoni bil-kesħa.

| | 1 | 2 | 3 |
|---|---|---|---|
| | Proċessi enoloġiċi | Kundizzjonijiet u limiti tal-użu ([1]) | Kategoriji ta' prodotti tal-inbid ([2]) |

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/1935/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/10/oj).

*Tabella 2*

**Komposti enoloġiċi awtorizzati kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)**

